MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 992/2009

**Carmelo Cachia (K.I. 214754M)**
**ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Autotechnics'**

**vs**

**Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba ta' l-attur ghal kundanna tal-Awtorita' konvenuta ghas-somma ta elfejn, hames mija, hamsa u hamsin ewro (€2,555) rapprezentanti prezz ta' magazzinagg ghal zmien sena bir-rata ta' seba' ewro (€7) kuljum ghall-vettura mudell Mazda 626 numru ta' registrazzjoni PFT-432 propjeta' taghhom, liema servizz ta' magazinagg sar u qieghed isir fuq inkarigu w a beneficcju ta' l-intimata.

Bl-ispejjez, b'riserva ghal hlas iehor jekk jiddekorri u b'hekk l-Awtorita' konvenuta tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta li biha l-Awtorita' konvenuta tiddikjara illi hija m'ghandhiex l-obbligu li thallas ebda ammont lill-attur bhala spejjez ta' magazzinagg u dan ghar-raguni li ma kien hemm ebda ftehim mal-attur li jirrigwarda tali magazzinagg u li kieku l-Awtorita' konvenuta kienet taf li l-attur kien qieghed jippretendi xi hlas, l-Awtorita' konvenuta kienet tnehhi l-vettura mill-post minn fejn kienet.

Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema' x-xhieda ta' Carmelo Cachia u Brian Farrugia.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar spejjez ta' magazinagg ghal zmien sena bir-rata ta' seba' ewro (€7) kuljum ghall-vettura Mazda 626 numru ta' registrazzjoni PFT-432 proprjeta' tal-Awtorita' konvenuta. Min-naha ta' l-Awtorita' konvenuta intqal illi ma kien hemm ebda ftehim ta' magazinagg u li kieku kienet taf illi l-attur kien qed jippretendi xi hlas, l-Awtorita' konvenuta kienet tnehhi l-vettura mill-post minn fejn kienet tinsab.

Irrizulta mill-provi tal-attur li huwa jaghmel xoghol ta' *VRT Testing* u huwa l-proprjetarju tal-garaxx Auto Technic ta' Hal Qormi. Qal illi fil-pussess tieghu kellu vettura li ggib n-numru ta' registrazzjoni TFC-432 u li kienet tappartjeni lill-ADT, l-istess vettura mertu tal-kawza. Illi din il-vettura kienet tingieb ghandu frekwentement ghat-tiswijiet izda meta kienet ingabet l-ahhar, f'Awissu, 2008, kien informa lill-ADT illi t-tiswija kienet ha tigi tiswa' hafna u baqa' jistenna risposta mil-ADT x'kienu ha jaghmlu. Wara diversi tentattivi ma' l-istess Awtorita' konvenuta sabiex tittiehed decizjoni dwar il-vettura inkwistjoni, gie infurmat li kellha

tittiehed decizjoni mic-*Chairman* tal-Awtorita' konvenuta. Izda huwa qatt ma sema' aktar mill-ADT. Illi huwa kien jipprova jikkommunika mal-ADT sabiex jara x'ser isir minn din il-vettura u sabiex jehduha mill-garaxx tieghu izda hadd qatt ma gie ghaliha. Illi din il-vettura sal-lum tinsab tokkupa spazju fil-garaxx tal-attur. Illi din il-vettura ilha tokkupa spazju minn Awissu, 2008. Qal ukoll li l-unika darba li kien gie avvicinat minn impjegati ta' l-istess Awtorita' fil-garaxx tieghu kien meta kienu gew sabiex jaqilghu d-*data track system* minn fuq l-istess vettura. Dak inhar kien wissihom illi kien ha jibda jzommilhom il-flus ta' l-ispazju li kienet qieghda tokkupa l-vettura. Illi mill-istess xhieda tal-attur, l-attur informa lit-Tribunal li l-vettura appartenenti lill-ADT kellha numru ta' registrazzjoni TFC-432 u mhux PFT-432, u hija l-istess vettura mertu tal-kawza. Qal ukoll illi huwa kien informa lill-Awtorita' konvenuta li kien ha jibda jzomm il-flus ghall-magazinagg permezz ta' ittra uffcijali.

Illi mill-provi tal-Awtorita' konvenuta, t-Tribunal sema' x-xhieda ta' Brian Farrugia, Legal Officer fl-Awtorita' ta' Trasport Malta, u qal illi l-vettura kienet tinsab registrata f'isem il-Public Transport Authority. Huwa kkonferma kif l-Awtorita' kienet taf bil-kaz ta'din il-vettura izda l-istess Awtorita' ma kienetx hadet decizjoni dwar x'kienet ser taghmel b'din il-vettura. Brian Farrugia qal li sal-gurnata tax-xhieda tieghu, din il-vettura kienet ghadha tinsab fil-*VRT Station* appartenenti lill-attur. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-Awtorita' qatt ma rceviet ebda ntimazzjoni min-naha tal-attur sabiex tara x'ser taghmel b'din il-vettura. Ikkonferma ukoll illi l-persuna li kienet inkarigata minn din il-vettura, li kien direttur ta' l-istess Awtorita' llum jinsab nieqes. In kontro-ezami l-istess xhud qal li sal-gurnata tad-deposizzjoni tieghu u cioe' l-4 ta' Ottubru, 2010 ma ttiehdet ebda decizjoni dwar il-VRT ta' din il-vettura. Illi huwa kien jaf b'dan il-kaz mill-*files* li sab u ma kienx konoxxenti mal-ftehim verbali ma' ufficjali ohra msemmija mill-attur u minn indagini li ghamel, ma jirrizultax illi kien hemm ebda ftehim dwar din il-vettura bejn il-partijiet.

It-Tribunal ra l-izball tan-numru ta' registrazzjoni fil-vettura imsemmija giet korretta mill-attur fid-deposizzjoni tieghu.

Illi ghalkemm qatt m'intalbet korrezzjoni fit-talba min-naha tal-attur, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-partijiet qieghdin jitkellmu dwar l-istess vettura mertu tal-kawza. Illi mix-xhieda stess t' ufficjal tal-Awtorita' konvenuta, ra li kkonferma li kien hemm vettura appartenenti lill-istess Awtorita' li kienet magazzinata fil-garaxx tal-attur u li ma kienux jafu li l-attur kien qieghed jippretendi kumpens ghal tali magazinagg.

It-Tribunal m'ghandux dubju li l-vettura msemmija fit-talba u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFC-432 imsemmija mill-attur fix-xhieda tieghu hija l-istess vettura li xehed fuqha l-ufficjal ta' l-Awtorita' konvenuta u ghaldaqstant minkejja li ma ntalbietx korrezzjoni, t-Tribunal jifhem illi l-vettura hija l-istess vettura li tinsab magazzinata fil-garaxx tal-attur.

It-Tribunal ra li l-ittra ufficjali imsemmija u li giet pprezentata mill-attur insostenn tax-xhieda tieghu, mhijiex kopja li tindika li din l-istess ittra ifficjali qatt giet notifikata lill-Awtorita' konvenuta u ghaldaqstant mhuwiex ha jiehu konjizzjoni taghha bhala prova ta' intimazzjoni ghal hlas.

It-Tribunal ghandu quddiemu kaz fejn b'ammissjoni stess tal-ufficjal tal-Awtorita' konvenuta kkonferma li huwa minnu li l-vettura appartenenti lill-Awtorita' tat-Trasport, mertu tal-kawza u msemmija mill-attur tappartjeni lill-istess Awtorita' izda li sal-lum ghadu ma ttiehed ebda decizjoni mill-istess Awtorita' dwarha. Illi t-Tribunal huwa wkoll sodisfatt illi huwa minnu li l-istess Awtorita' kienet hadet din il-vettura lill-attur f'Awissu, tas-sena 2008. Illi ghalkemm fir-risposta tal-Awtorita' tat-Trasport intqal illi kieku kienet taf li l-attur kien qieghed jipretendi xi hlas kienet tnehhi din il-vettura, jirrizultalu li ghalkemm ghaddiet sena minn dik ir-risposta, sal-lum l-istess Awtorita' konvenuta m'ghamlet l-ebda tentattiv sabiex tnehhi l-istess vettura mill-garaxx ta' l-attur. Illi t-Tribunal huwa konvint li l-attur ghamel diversi tentattivi sabiex jikkonvinci lill-Awtorita` konvenuta tiehu din il-vettura mill-garaxx tieghu u li din il-vettura hija biss ta' xkiel ghalih.

It-Tribunal huwa ghalhekk sodisfatt illi wara sena u tlett xhur u wara diversi tentattivi fejn l-attur talab illi l-vettura tittiehed, ma kellu l-ebda ghazla ghajr illi jiftah kawza lill-istess Awtorita'.

Illi mill-provi tal-istess attur ma jirrizultax lit-Tribunal illi l-ittra ufficjali ezebita mill-attur stess tindika li l-Awtorita' giet imwissija bil-passi li kien ha jiehu l-attur u ghaldaqstant ma baqax jiehu konjizzoni ta' dik il-parti tax-xhieda tal-attur. Illi ghaldaqstant huwa car illi ma jirrizultax lit-Tribunal, illi kien hemm tentattiv bil-miktub sabiex iwisssi lill-Awtorita' konvenuta li huwa kien ha jibda jzommilhom il-flus tal-magazinagg.

Illi mill-provi li sema', t-Tribunal, jemmen lill-Awtorita' konvenuta meta qalet illi hija ma kienetx taf li l-attur kien ha jibda jzomm il-flus ghal magazinagg tal-vettura. Izda t-Tribunal ma jippretendiex illi l-Awtorita' konvenuta mhijiex f'posizzjoni li tiehu decizjoni dwar l-istess vettura appartenenti lilha u li zgur ghandha tinsab fil-kotba tal-istess Awtorita'. Illi ma jistax jemmen illi decizjoni dwar vettura ghandha tittiehed mic-Cermen ta' Awtorita.' It-Tribunal jidhirlu li din hija skuza dghajfa li ma tirriflettix tajjeb fuq l-istess Awtorita'.

Illi mix-xhieda li sema' min-naha tal-Awtorita, ra li sal-lum hadd ma ha r-responsabilita' li jiehu xi decizjoni dwarha bil-konsegwenza li din il-vettura appartenenti lill-istess Awtorita' baqghet ghand terzi. Illi fil-frattemp, din il-vettura baqghet tokkupa spazju bzonnjuz tal-attur u huwa ma setghax kemm jaqbad din il-vettura proprjeta' ta' terzi u johrogha mill-garaxx tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt li l-attur naqas meta huwa ma wissiex bil-miktub li huwa kien ha jibda jzomm il-flus ghall-magazinagg jekk kemm-il darba l-Awtorita' tat-Trasport ma kienetx ha tnehhi din l-istess vettura izda jemmnu meta qal li wissiehom verbalment kemm-il darba, izda t-twissijiet verbali gew injorati. It-Tribunal m'ghandux ma jemminx lill-attur meta qal li kien kellem lill-Awtorita' tat-Trasport kemm-il darba sabiex jigu jnehhu il-vettura in kwistjoni.

Illi ra ukoll illi minkejja r-risposta ta’ l-istess Awtorita’ fejn qalu li hija ma kienetx taf bl-ispejjez ta’ magazinagg ghaliex kieku kienu jafu kienu jnehhuha, sal-lum minkejja ilhom jafu formalment bit-talba ghal hlas tal-magazinagg mis-16 ta’ Dicembru, 2009, il-vettura ghadha fil-garaxx tal-attur. It-Tribunal ra li formalment mis-16 ta’ Dicembru, 2009, l-Awtorita’ konvenuta ghazlet li thalli l-istess vettura fl-istess garaxx minkejja r-risposta li hija ntavolat quddiem dan it-Tirbunal.

It-Tribunal wara li sema’ u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, huwa sodisfatt illi l-Awtorita’ konvenuta halliet din il-vettura fil-garaxx tal-attur u m’ghamlet ebda tentattiv sabiex tehodha lura sahasnitra wara li giet intavolata din il-kawza.  Illi ghalkemm huwa minnu li huma ma kienux jafu formalment li l-attur qieghed jippretendi kumpens ghal magazinagg huwa cert illi l-istess Awtorita’ giet informata b’dan verbalment mill-attur.

Illi b’sens ta’ gustizzja u ekwita’ t-Tribunal ma jistax ihalli li din il-vettura tibqa’ tokkupa spazju fil-garaxx ta’ l-attur minghajr l-ebda kumpens u minkejja li huwa minnu li l-Awtorita’ konvenuta ma kienetx taf illi l-attur kien qieghed jippretendi hlas, it-Tribunal huwa sodisfatt illi mis-16 ta’ Dicembru, 2009 sal-lum l-istess Awtorita’ ghadha m’ghamlet xejn u halliet l-istess vettura tokkupa spazju fil-garaxx tal-attur. .It-Tribunal ra ukoll illi l-licenzja ta’ din l-istess vettura skadiet f’Awissu, 2009 in kontravenzjoni ta’ l-istess regolamenti li jinhargu mill-istess Awtorita’ konvenuta.

Illi t-Tribunal jidhirlu li m’ghandux is-setgha li jgieghel lill-Awtorita’ konvenuta tnehhi din il-vettura ghaliex huwa jista’ jiddeciedi biss talbiet ta’ flus, izda fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u invista tal-fatt illi l-attur qatt ma wissa’ bil-mitkub lill-Awtorita’ tat-Trasport sabiex tnehhi din il-vettura mill-garaxx tieghu, it-Tribunal huwa tal-fehma li jekk kemm-il darba l-Awtorita’ tat-Trasport tmur biex tnehhi l-vettura appartenenti lilha fi zmien ghaxar t’ijiem mid-data tas-sentenza, ‘*arbitrio boni viri’* ha jirriduci s-somma mitluba.

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez, it-Tribunal ra li huwa minnu li l-Awtorita' konvenuta ma gietx informata formalment li ha tibda tigi iccargjata tal-magazzinagg jekk kemm-il darba ma tnehhiex din il-vettura mill-garaxx tal-attur. Izda ra ukoll illi l-istess awtorita' qalet li kieku kienet taf dwar dan, kienet tnehhi din il-vettura. It-Tribunal ra li minkejja r-risposta tal-awtorita' konvenuta, l-vettura xorta wahda thalliet fil-garaxx tal-attur. Ghat-Tribunal din hija ndikazzjoni cara li l-Awtorita' ma kelliex rieda tajba sabiex issolvi din il-kwistjoni.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallas lill-attur fis-somma ta' elfejn hames mija hamsa u hamsin ewro (€2555) izda jekk l-Awtorita' konvenuta tnehhi l-vettura mertu tal-kawza mill-garaxx tal-attur fi zmien ghaxar t'ijiem mid-data ta' din is-sentenza, t-Tribunal '*arbitrio boni viri'* jillimita din il-kundanna fis-somma ta' elf mitejn tmienja u sebghin ewro (€1278) .

Spejjez tal-kawza soportati mill-Awtorita' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------